KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IT-TMIEN (8) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Sitta u Tletin (36)***

***It-Tlieta, 3 ta' Awwissu, 2021***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' b'mod virtwali għal-laqgħa tal-Kunsill fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm).

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | DARREN ABELA |
| IL-VICI SINDKU | CHRISTINE DALLI |
| IL-KUNSILLIERA | ROSE AGIUS |
| IL-KUNSILLIER | ANDREAS GATT |
| IL-KUNSILLIER | KEITH FENECH |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

**MINUTI**

Is-Sindku Darren Abela ippresjeda l-laqgħa.

**36.1 Qari ta' l-ittri tal-apoloġiji**

36.1.1 Ma tressqu ebda ittri ta' apoloġiji.

**36.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

36.2.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq għall-approvazzjoni, il-Minuti tal-Laqgħa Numru 34 li nżammet nhar it-Tlieta, 13 ta' Lulju, 2021.

36.2.2 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 34 tqassmu minn qabel u għaldaqstant unanimament ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

36.2.3 **Mozzjoni 36-01**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill Numru 34.
Proponent: Il-Kunsilliera Rose Agius
Sekondant: Il-Vici Sindku Christine Dalli
Il-Minuti Numru 34 ġew approvati unanimament.

36.2.4 Is-Sindku Darren Abela ressaq għall-approvazzjoni, il-Minuti tal-Laqgħa Numru 35 li nżammet nhar l-Erbgħa, 21 ta' Lulju, 2021.

36.2.5 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 35 tqassmu minn qabel u għaldaqstant unanimament ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

36.2.6 **Mozzjoni 36-02**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill Numru 35.
Proponent: Il-Vici Sindku Christine Dalli
Sekondant: Il-Kunsilliera Rose Agius
Il-Minuti Numru 35 ġew approvati unanimament.

**36.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

***A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 36 (08) – Awwissu 2021***

36.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 36(08) permezz ta' *bank transfers* b'referenza numru 10036 sa 10045 li jammontaw €7,993.70

36.3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ukoll pagament ta' ħlas tas-Sage Evolution li jammonta għal €755.20

36.3.2 **Mozzjoni 36-03**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 36(08) bl-ammont ta' €7,993.70 biż-żieda tal-ħlas imsemmi f'materja 36.3.2

Proponent: Il-Kunsilliera Rose Agius

Sekondant: Il-Vici Sindku Christine Dalli

L-iSkeda ta' Pagamenti Numru 36(08) ġiet approvata unanimament.

**36.4 <u>Korrispondenza</u>**

34.4.1 Tressqet korrispondenza dwar tiġdid tal-kuntratt tal-ġbir ta' skart riċiklabbli. Il-Kunsill qabel li l-kuntratt jiġi estiż għal sena oħra iżda għandu jfakkar li l-Kunsill għamel talba sabiex tiżdied ġabra oħra tal-borża l-ħadra kif ukoll tal-ħġieġ.

34.4.2 Tressqet korrispondenza mingħand il-kuntrattur tar-restawr tal-istatwa ta' Santu Rokku. Dan il-kont huwa ta' xogħlijiet żejda li saru biex jinżebgħu il-pilastri ta' madwar l-istatwa. L-ispiża hija ta' €424.80. Il-Perit tal-Kunsill qed isostni li dawn huma parti mill-ħlas li l-Kunsill ġa ħallas bħala xogħlijiet extra li €250 +VAT ġew approvati mill-istess perit. Il-Kunsill qabel li se jiċċekja dwar min speċifikament għamel ix-xogħol minħabba li l-installazzjoni kellha ssir mill-kuntrattur li ħadem il-pilastri.

34.4.3 Tressqet korrispondenza dwar il-ħlasijiet lill-Bonnici Brothers ta' xogħlijiet li saru żejda u li dawn ċertifikati mill-Perit tal-Kunsill rigward Miżura 4.3. Il-Kunsill qabel li dawn jitħallsu f'pagamenti maqsumin fi 3 xhur.

34.4.4 Tressqet korrispondenza dwar opportunita' ta' xogħol għas-Sajf lill-istudenti. F'dan il-programm il-Kunsill huwa rikjest li jħallas lill-istudent iżda wara ssir rifużjoni tal-ħlas mill-AKL. Is-Sindku Darren Abela qal li min għandu xi student li jista' jipparteċipa f'dan il-programm għandu jgħaddi id-dettalji ta' l-istudent lis-Segretarju Eżekuttiv.

34.4.5 Tressqet korrispondenza sabiex tissemma Triq fiż-żona Ħas Saptan. Is-Sindku qal li min għandu xi ideat dwar isem jista' jressqu. Il-Kunsilliera Rose Agius pproponiet li tissemma Triq iż-Żebbuġ. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

34.4.6 Tressqet korrispondenza biex isiru bollards mad-dawra tal-Monument tal-Annimali. Il-Kunsill qabel li nitolbu l-approvazzjoni tat-Transport Malta.

34.4.7 Tressqet korrispondenza mingħand Reġjun Nofsinhar dwar Uffiċjali Professjonali ingaġġati mar-Reġjun. Is-Sindku Darren Abela taha spjegazzjoni dwar ix-xogħol ta' dawn l-uffiċjali u l-Kunsill qabel li jekk ikun hemm il-bżonn, se jkun qiegħed jutilizza dawn is-servizzi.

34.4.8 Tressqet korrispondenza sabiex titwaħħal camera fi Triq il-Merill. Il-Kunsill approva l-kwotazzjoni ta' € 1178.82 u se jkun qed ikellem lill-LESA sabiex din il-camera tiġi ssorveljata.

**36.5 <u>Approvazzjoni tar-Rapport tal-Evalwazzjoni tat-Tender 'GHLC/T/01/2021 - Supply and Installation of an Irrigation System'</u>**

36.5.1 Tressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill ir-Rapport tal-Evalwazzjoni tat-Tender tal-Irrigazzjoni fi Gnien 2000 u Gnien il-Kunsill.

36.5.2 Ir-Rapport jindika li kien hemm żewġ offerti mitfugħa, fejn l-orħos offerta u li ssottomettiet id-dokumenti kollha mitluba kienet ta' €28,400.07.

36.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret li l-fondi għal dan il-proġett diġa ingħataw mid-dipartiment u l-Kunsill se jkun qiegħed jħallas l-ispiża ta' €8570.

36.5.4 **Mozzjoni 36-04**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tar-Rapport tal-Evalwazzjoni fejn huwa rrakomandat li tingħażel l-offerta imsemmija f'materja 36.5.2
Proponent: Il-Kunsilliera Rose Agius
Sekondant: Il-Kunsillier Keith Fenech
Ir-Rapport tal-Evalwazzjoni ġie approvat unanimament.

**36.6 <u>Komunikazzjonijiet mis-Sindku</u>**

36.6.1 Is-Sindku Darren Abela qal li se jsir Triq il-Gewwinija u Triq Dun Mattew Scriha minn Infrastructure Malta. Huwa informa li Triq Marjanu Gerada għalissa mhux se ssir pero għaddejjin id-diskussjonijiet biex issir peress li qeda fl-istess żona.

36.6.2 Is-Sindku Darren Abela qal li se jsir proġett sabiex titkabbar l-iSkola Primarja ta' Ħal Għaxaq. Temporanjament it-tfal se jkunu qegħdin jiġu rikolakati f'postijiet alternattivi li għadhom qed isiru id-diskussjonijiet dwarhom.

36.6.3 Is-Sindku Darren Abela qal li tkellem ma Infrastructure Malta dwar Triq Dun Mattew Scriha biex issir bil-pavimentar. Huwa qal li Infrastructure Malta jistgħu jagħmlu xogħlijiet sas-sodda tal-konkos. Il-Kunsill qabel fil-prinċipju li jekk isiru dawn l-isqaqin, jikkunsidra li jagħmel il-pavimentar.

36.6.4 Is-Sindku Darren Abela qal li id-Dipartiment wieġeb l-email dwar il-kenniesa fejn talab iktar informazzjoni dwar il-loġistika f'każ li l-Kunsill jimpjega l-kenniesa. Il-Kunsill qabel li għandu jwieġeb li l-Kunsill għandu pjan strateġiku dwar kif se jiġu mpjegati.

**36.7 Mistoqsijiet u Tweġibiet mill-Kunsilliera**

36.7.1 Il-Kunsilliera Rose Agius qalet li hemm bżonn jinqata' l-ħaxix fejn il-mużew tal-bniet.

36.7.2 Il-Vici Sindku Christine Dalli staqsiet jekk kienx hemm risposta dwar il-Monument tal-Familja. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li għad m'hemmx.

**Mozzjonijiet**

Annessi mal-Minuti

**36.8 Aġġornament tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss**

36.8.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata għat-Tlieta 31 ta' Awwissu 2021 fil-5.30pm u li għandha terġa' ssir b'mod virtwali fuq qbil bejn il-Kunsilliera preżenti.

Il-Laqgħa ntemmet fit-7.45pm

________________________
Fiona Cutajar
Segretarju Eżekuttiv

________________________
ikkonfermati
Darren Abela
Sindku

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 36**

**Mozzjoni Ref:** 36-01

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati il-Minuti tal-Laqgħa Numru 34

| | |
|---|---|
| **Rose Agius**<br>**Proponent** | **Christine Dalli**<br>**Sekondant** |

**Data:** 3 ta’ Awwissu 2021

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 36**

**Mozzjoni Ref: 36-02**

Biex jiġu approvati il-Minuti Numru 35

**Christine Dalli**
**Proponent**

**Rose Agius**
**Sekondant**

---

**Data:** 3 ta' Awwissu 2021

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 36**

**Mozzjoni Ref: 36-03**

Biex tiġi approvata l-iSkeda ta' Pagamenti – Awwissu 2021

**Rose Agius**
**Proponent**

**Christine Dalli**
**Sekondant**

**Data:** 3 ta' Awwissu 2021

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**